Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 450/2018

Il-Pulizija

(Spettur Chantelle Casha)

Vs

Darren Bugeja

Illum 11 ta' Lulju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Darren Bugeja detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 544485M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar is-17 ta' Diċembru 2017 għall-ħabta ta' 11:30 hrs gewwa Triq il-Gurbell, Paola:

A. B'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Art 338(dd) tal-Kap 9;

B. Kif ukoll ingurja jew hedded, mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni lil Alexander Chetcuti u dan bi ksur tal-Art 339(1)(e) tal-Kap 9.

Il-Qorti ġiet gentilment mitluba tapplika Art 383 tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Dicembru 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338 (dd) u 339 (1) (e) tal-Kodiċi Kriminali, għar-raġunijiet premessi, sabet lill-imputat (a) mhux hati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minnha lliberatu minn kull ħtija u piena; (b) Mill-banda l-oħra, il-Qorti sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni.

In kwantu għall-piena li għandha tiġi inflitta, il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni xlietu bir-reat kontravvenzjonali fejn il-pieni huma relattivament żgħar meta komparati ma' dawk tad-delitti. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat bir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kodiċi Kriminali.[1] Il-kliem inġurjuż u offensiv huwa ħażin dejjem. Iżda meta, bħal f'dan il-każ, l-espressjoni inġurjuża kienet mistqarra lejn ġenitur bi tfal li n-natura tkun kiefra magħhom minħabba li jkunu jsofru minn xi diżabilità fiżika jew mentali, l-istess espressjoni inġurjuża ssir ferm aktar velenuża u ripunjanati. B'hekk il-Qorti kkundannat lill-ħati għall-piena ta' detenzjoni għal perjodu ta' sebat ijiem.

Inoltre wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Alexander Chetcuti u tal-familja tiegħu nonche sabiex tipprovdi għaż-żamma tal-bon ordni pubbliku, il-Qorti rabtet lil ħati taħt obbligazzjoni tiegħu personali għal perjodu ta' sena taħt penali ta' elf euro (€1000).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

---

[1] u mhux taħt dak delittwali previst taħt l-Artikolu 252 tal-Kodiċi Kriminali u li illum ġie abolit bl-Att XI tal-2018 u li bl-iżviluppi li saru fil-ġurisprudenza Ewropea u Maltija, din il-Qorti kienet tkun kostretta li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri dwaru.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Darren Bugeja, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Dicembru 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza billi tikkonferma l-liberazzjoni akkwantu tal-ewwel imputazzjoni u tikkonferma l-htija fil-kaz tat-tieni imputazzjoni, u filwaqt li thassar u tirrevoka l-parti tal-piena u tinfliggi piena aktar ekwa u gusta.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Darren Bugeja huma s-segwenti u cioè:-

**<u>Piena Eccessiva</u>**

Illi l-piena inflitta, tenut kont tac-cirkostanzi, li ser jigu indikati aktar 'il quddiem hija wahda eccessiva;

Illi huwa indesiderali li din il-Qorti tiddisturba l-ezercizzju tal-ewwel Qorti, sakemm tali ma jigix pruvat li sar b'nuqqas manifest lejn ic-cirkostanzi u l-aspetti partikolari tal-kaz, kif effettivament jemmen li gara fil-kaz in dizamina, fejn tali produca piena wisq harxa. Dan il-principju kien gie wkoll kristalizzat fis-sentenza <u>il-**Pulizija vs. Joseph Attard**</u> moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imhallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun **imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi"***

Illi l-fedina penali tal-appellant hija wahda netta, u tenut kont ta' dan l-esponent jemmen li l-piena ta' detenzjoni effettiva hija verament eccessiva, kif ukoll tal-ebda ghajnuna ghall-appellant sabiex jinghata c-cans biex ikun jista' jsewwi l-hazin li ghamel.

Illi s-socjetà Maltija f'dawn l-ahhar zminijiet dejjem sostniet favur il-gustizzja riparattrici, fejn persuna li zbaljat tinghata cans li ssewwi dan l-izball, u kwindi minflok tkun rinnegata tiehu rwol attiv ghat-titjib tal-hajja gewwa pajjizna, u dan ghandu japplika ghal kull reat kommess, kwindi jemmen li l-piena inflitta ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv;

Illi l-htija prattikament instabet minhabba kumment maghmul mill-appellant fejn però dan sar f'kuntest partikolari u wara li kien ilu zmien jissaporti certu kummenti mill-parte civile, li bhala portata kienu tal-istess livell, fejn darba minnhom sahansittra l-parte civile tenna lill-appellant sabiex ikun ahjar li jiccekja jekk hux missier it-tifel tieghu. Dan bla dubju kien kumment li wegga' mhux hazin lill-appellant u l-isfortuna hi li l-appellant ma marx jaghmel rapport dwar dan l-akkadut;

Illi l-aggravju si tratta fil-parti tad-decide tal-Qorti tal-Magistrati sewwa sew l-ezercizzju konjittiv uzat mill-Qorti sabiex waslet ghall-piena inflitta;

Illi sa mill-bidu, il-Qorti bdiet billi ghamlet ezercizzju komparattiv bejn ir-reat tal-ingurja kontravvenzjonali u dak tad-delitt, fejn irribadiet li "il-pieni huma relattivament żgħar meta komparati ma' dawk tad-delitti", maghdud ma' dak li hemm fil-"footnote" numru tlieta, hija l-umli fehma tal-esponent li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati tilfet l-oggettività meta giet biex tikkalibra l-piena u minflok ghamlet ezercizzju oggettiv, uzat l-energija taghha sabiex tiggustifika piena harxa;

Illi r-reati li gie mixli bihom l-appellant huma frott l-investigazzjoni kondotta mill-Pulizija, u kwindi ma tistax il-Qorti tiggustifika piena mill-aktar harxa sempliciment ghax fil-fehma taghha l-Pulizija kellha jew setghet tixli lill-appellant b'reati b'pieni aktar onoruzi;

Illi kif inghad qabel, bla dubju dan l-incident seta' jigi evitat, però l-oggettività tal-Qorti trid tkun prezenti in ogni momento tal-kaz, u tenut kont tal-fatti tal-kaz, il-fedina penali tal-appellant u x-xoghol tieghu, il-piena inflitta hija wahda harxa wisq u ser ikollha konsegwenzi esagerati fic-cirkostanzi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2019.

Ikkunsidrat.

Illi dan l-appell huwa biss dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti u dan ghaliex fil-fehma tal-appellant l-piena inflitta kienet eccessiva.

Dwar id-diskrezzjoni li ghandha din l-Qorti dwar tibdil fil-piena l-Qorti tafferma illi mhux normali li din il-Qorti tal-Appell Kriminali tindahal fi w tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena diment li dik il-piena tkun entro l-parametri tal-ligi w ma tkunx tidher li hi manifestament eccesiva w sproporzjonata ghall-kaz.

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[2] , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[3] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[4]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi.

---

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.
[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003
[4] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

kif inghad fl-appell kriminali fi-ismijiet **Il-Pulizija (Spt.T. Micallet) vs John Gauci**[5]**,** *"mhux normali Ii din il-Qorti tal-Appell Ii tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri taI-ligi w ma tkunx manifestament eċċessiva."* Dan għax, kif ġie ritenut f-Alppell Kriminali (Superjuri). "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**[6]":- *"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata millI-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Oorti) Ii jkun jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena.* (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta' 'Malta vs. Bernard sive Benny Attard**[7]")"

Ghalhekk dak li hu mistenni minn din il-Qorti fl-appell odjern bl-aggravju appena rikapitat, hu li tezamina l-provvedimenti tal-ligi kolpiti sabiex ikun assikurat li l-piena hekk erogata kienet fil-parametri tal-ligi, tara jekk kienx hemm xi dritt ghat-tnaqqis, la darba si tratta ta' appell tal-imputat, u li ma jkun hemm xejn x'jiddemostra li l-piena kellha tkun anqas minn dik fil-fatt kominata. Dan ghaliex kif inhu assodat fil-gurisprudenza in tema, ma huwiex normali li din il-Qorti, qua Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm ma jkunx hemm xi wahda mir-ragunijiet indikati supra.( Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**[8].;

Jidher li l-appellant gie akkuzat bil-kontravenzjoni ta' ksur ta' paci pubblika u fit-tieni lok talli ingurja lil Alexander Chetcuti si termini tal-artikolu 339(1)(e) tal-kodici kriminali tal-kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta. Jinghad li l-appellant ma appellax fuq il-htija tieghu izda merament fuq il-piena inflitta.

---

[5] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Krimiinali (sede Inferjuri) nhar il-26 ta' Marzu,2009.
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Krimiinali (sede Inferjuri) nhar il-26 ta' Frar 2009.
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Krimiinali (sede Superjuri ) nhar l-20 ta' MArzu 2009.
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Krimiinali (sede Inferjuri) nhar it-2 ta' Ottubru, 2002

Il-Qorti ghalhekk trid tara x'tip ta' ingurja sehhet fir-rigward tal-kwerealnt u dan sabiex tkun f'posizjoni ahjar li tezamina il-fatti u tara jekk il-piena inflitta kienitx wahda eccessiva.

Jidher li dakinhar tal-incident l-kwerelant Chetcuti hareg barra daru meta f'xi hin wasal l-appellant u waqaf quddiem id-dar tal-allegat vittma u l-kwerelant beda ihares lejh u l-appellant qallu " *x'int thares*?" u b'sarkasmu l-allegat vitma Checuti wiegeb " *lejn wiccek jew lejn l-ikrah wiccek jew lejn wiccek is-sabih"* xi haga f'dak is-sens. L-appellant wiegbu billi heddu u qallu *"il-blokka tieghi , ara kif ser ingennek, lanqas taf x'gej ghalik, lanqas torqod bil-lejl.."* Meta qallu hekk l-kwerelant qallu " *mhux ahjar titla 'l fuq ghandek dwejjaq fuqhek.."* u dan wiegbu "*Taf minghandu dwejjaq min ghandu tfal handikappati bhalek*". Il-kwerelant jghid li dak il-kumment hassu "*bhal stallet go qalbu*". Hassu ingurjat hafna specjalment peress li dawn il-kliem qalulu quddiem in-nies u meta kien jaf minn xhiex kien ghadda u cioe' li kien opera lit-tifla l- Ingilterra. Jghid li qatt ma haseb li l-appellant li jahdem bhala LSA jista' jasal li jghidlu kliem bhal dawk.

Mhemmx dubbju li dak il-kliem mistqarr mill-appellant kien kliem mhux f'loku u certament mhux misthoqq. L-Appellant zgur li qabez kul limitu ta provokazzjoni u messu kien jaf ahjar xi tfisser trabbi tfal li ghandhomi disabilita' peress li huwa jahdem maghhom. Kien ikun hafna ahjar li kieku skuza ruhu fil-mori ta' dawn il-proceduri u jitlob il-klemenza tal-Qorti. Diskors bhal dan zgur li m'ghandux jinghad u zgur ukoll li jekk jinghad dak li jghidu ghandu jerfa ir-responsabilita ta' kliemu. Il-Qorti tikkundanna bil-qawwa kollha in-narrattiva moqzieza li saret fil-konfront tal-appellant.

Pero' min naha l-ohra l-Qorti rat li l-appellant ghandu fedina penali netta u huwa *a first time offender* u ghalhekk piena ta' detenzjoni hija piena eccessiva.

Fl-istess ħin pero din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-fatt li tiegħu l-imputat appellanti qiegħed jinstab ħatja huwa ta' ċertu gravità tenut kont tal-fatt li dak li intqal fil-konfront tal-kwerealnt kien diskors mhux xieraq u stmerrija. B'danakollu, in vista tal-fatt li l-appellanti għandu impieg fejn proprju jghidn min qed ibati b'learning

disability din il-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ għandha timmitiga l-piena imposta mill-ewwel Qorti. Il-miżura li forsi kienet tkun dik l-aktar indikata fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ kienet tkun is-sospensjoni tal-piena ta' detenzjoni imposta mill-ewwel Qorti iżda, billi l-liġi fl-artikolu 28A(1) tikkontempla biss is-sospensjoni ta'sentenzi ta' priġunerija, din il-Qorti hi prekluża milli taddotta tali miżura ta' sospensjoni.

Għalhekk, peress li l-Qorti tibqa' tal-fehma li, għar-raġunijiet imsemmija, għandha timmitiga l-piena imposta mill-ewwel Qorti, sejra tissostitwixxi l-piena ta' detenzjoni imposta mill-ewwel Qorti b'piena ta' natura pekunjarja li tkun qrib il-massimu previst mil-liġi.

Għaldaqstant il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha f'dik il-parti fejn il-Qorti kkundannat lill-imputat appellanti għall-piena ta' sebat ijiem detenzjoni u minnflok, wara li rat l-artikolu 13(1) tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannah għall-piena ta' ammenda ta' hamsin euro (€50) ghal kul kontravenzjoni u ghalhekk tikkundannah ihallas is-somma ta' mitt ewro (€100), u tikkonfermha fil-bqija.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef